# Lord, by your Holy Image marked on this shroud, may we not lose hope or fall away from you - The Archbishop

**Omelija waqt Quddiesa mal-Arċisqof ta' Turin, bħala parti mill-proġett ta' evanġelizzazzjoni tal-Komunità Abramo bl-isem ta' 'L-Akbar Imħabba'**

MONDAY 06 AUGUST 2018



(/files/page/Order_D5W_0305_21JUL18.153416148976.jpg)

## L-omelija tal-Arċisqof Charles J. Scicluna

*Il-knisja tal-Erwieħ, Ħal Tarxien*
*21 ta' Lulju 2018*

Ippermettuli fil-bidu ta' din l-omelja, f'dil-knisja sabiħa, nirringrazzja lill-Arċisqof ta' Turin, Mons. Cesare Nosiglia, talli kkonċeda din il-kopja awtentika tal-Liżar ta' Kristu li qed tkun meqjuma hawnhekk.

*Eccellenza, vorrei dire un grande grazie per questo grande dono che ci ha fatto della replica autentica della Sacra Sindone. Vorrei anche impegnarmi come pastore di questa chiesa, a custodire questo grande dono con devozione, affidandolo al rettore di questa chiesa costruita vicino a uno dei tempi megalitici piu antichi che abbiamo. In questa zona, il culto della divinità risale a 5,000 anni fa.*

*E noi vogliamo dare questa segno, non solo di questa chiamata che c'è nel cuore dal uomo per la santità, ma anche questa sete della divinità di Dio. La Sacra Sidone è anche la risposta di Dio a noi in un linguaggio che noi non conosciamo perché è linguaggio dall'amore, ma rimane un linguaggio che noi  riconosciamo perché abbiamo una grande sete dell'amore nel nostro cuore.*

Illum fl-Evanġelju li għadna kemm smajna, il-Mulej iħares lejn kotra kbira ta' nies u jitħassarhom. Il-qalb tiegħu tagħraf li kienu qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj u nesa l-mistrieħ li xtaq jieħu mad-dixxipli tiegħu u beda jgħallimhom ħafna ħwejjeġ (ara Mk 6, 30-32).

Fit-Tieni Qari smajna lill-Appostlu Missierna jitkellem dwar is-salib ta' Ġesù bħala l-mediċina għall-firda ta' bejnietna: "Jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered il-mibegħda ta' bejniethom" (Ef 2:16). Meta aħna nħarsu lejn is-Sindone li aħna l-Malitn nafuha bħala l-Liżar ta' Kristu, u naraw il-marki tal-passjoni ta' Ġesù u l-wiċċ seren tiegħu, niftakru fil-ħlas li l-Mulej ħallas biex jeqred id-dnub mill-qalb tagħna u jeqred ukoll il-mibegħda li tkissirna.

San Pawl jgħidilna: "Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna—il-mibegħda ta' bejnietna—u ħassar bis-sagrifiċċju ta' ġismu l-Liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha" (Ef 2, 14-15). Il-Mulej ħassar il-liġi tal-kundanna bis-sagrifiċċju ta' ġismu u l-immaġini li għandna fil-kappella laterali hija propju l-immaġini tal-ġisem ta' Ġesù mimli pjagi għalina; hija l-immaġini mhux biss tas-salib imma wkoll tal-qawmien mill-imwiet.

"Ġie jħabbar is-sliem" (Ef 3:17). Permezz tiegħu aħna għandna spirtu wieħed, bi spirtu wieħed id-dħul għal għand il-Missier". Għaliex is-Sindone, il-iżar ta' Kristu, b'dik l-immaġini, mhijiex biss immaġini tal-passjoni u l-mewt ta' Ġesù, imma wkoll immaġini tal-qawmien tiegħu mill-imwiet. Hija dik il-bieb li l-Mulej minnu daħal għal għand il-Missier.

Meta nikkontemplaw id-daqqiet tal-frosta fuq il-ġisem għażiż ta' Ġesù, il-pjagi tal-imsiemer u tad-daqqa tal-lanza, u l-marki tal-kuruna tax-xewk, għandna nifhmu kemm kienet ħarxa u tremenda t-tbatija tal-Mulej. Huwa kollu lingwaġġ ta' mħabba li ħafna drabi aħna nsibuha diffiċli biex nifhmu u biex ngħixu, imma l-Mulej, waqt li nikkontemplaw din l-ikona ta' mħabba, qiegħed jistedinna biex nersqu lejh u minnu nieħdu l-ħniena, il-mogħdrija.

Nitolbuk Mulej, biex inti tagħtina mħabba kbira lejk, aħna u nagħrfu kemm ħabbejtna. Inti li tħares lejna u l-qalb tiegħek tħabbat għalina, bħalma għamilt għan-nies tal-Galilija li nġabru mill-villaġġi kollha ta' madwar il-baħar tal-Galilija biex jiġu ħdejk, attirati, miġbudin mill-imħabba li raw fik. O Mulej, agħmel li aħna u nħarsu lejn l-immaġini qaddisa u devota, immarkata fuq il-liżar tiegħek, nifhmu kemm tħobbna biex ma naqtgħu qatt qalbna u qatt ma nitbiegħdu minnek.

✠ **Charles J. Scicluna**

Arċisqof ta' Malta

**Il-Qari tal-Quddiesa:**
Qari I: Ġer 23, 1-6
Salm: 22 (23), 1-3a.3b-4.5.6
Qari II: Efes 2, 13-18
Evanġelju: Mk 6, 30-34

Ir-ritratti ser ikunu aċċessibbli fuq il-websajt tar-Ritratti Uffiċjali tal-Arċidjoċesi ta' Malta. (http://www.knisja.org/ritratti)



(/files/page/Order_D5W_0211_21JUL18.153416131225.jpg)



(/files/page/Order_D5Z_1137_21JUL18.153416119793.jpg)



(/files/page/Order_D5W_0269_21JUL18-Pano.153416138734.jpg)



(/files/page/Order_D5W_0349_21JUL18.153416126823.jpg)

Ritratti: Kurja - knisja.mt/ritratti